National Book Council
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK1776

+356 27131574
www.ktieb.org.mt

**Il-Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni mal-Awturi – 19 ta' Jannar 2024**

L-Aġenda

1. L-Istrateġija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
2. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb – suġġerimenti u dati ġodda
3. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – suġġerimenti u dati ġodda
4. Il-Fond Malti tal-Ktieb
5. The London Book Fair
6. Il-Bord tal-KNK
7. Is-sit tal-KNK

Il-Minuti

L-ewwel laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awturi saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar bejn il-11am u s-1pm, fil-Victoria Hotel tas-Sliema.

Preżenti għall-awturi: Alex Mizzi (AM), Ben Agius (BA), Carmel G. Cauchi (CC), Ġorġ Borg (ĠB), Edgar Formosa (EF), Francesca Grech (FG), Jonathan Balzan (JB), Joseph Mary Pace (JMP), Matthew Schembri (MS), Nikki Petroni (NP), Raymond Grech (RG), Richard Attard (RA), Rita Saliba (RS), Sandra Hili Vassallo (SHV), Toni Sant (TS), Glen Calleja (GC)

Preżenti għall-KNK: Mark Camilleri (MC) – Kap Eżekuttiv, Matthew Borg (MB) – Segretarju tal-Bord, Simona Cassano, Andrew Ricca, Michael Mercieca, Jaasmine Bajada, Teodor Reljic, Natalija Ninkovikj

**MC** beda billi fakkar il-memorja ta' Zvezdan Reljic, li kien imexxi d-dar tal-pubblikazzjoni Ede Books u li ħalliena f'Diċembru.

**MC** laqa' lill-awturi u semma xi regoli ta' parteċipazzjoni.

1. **L-istrateġija tal-KNK**

**MC** qal li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wasal biex ikollu strateġija tiegħu, anki fid-dawl li fis-snin li ġejjin se jibda jopera minn post ġdid.

Qal li l-KNK bħalissa jinsab fil-fażi ta' studju, speċjalment jekk din se tkunx strateġija ta' 3 jew 5 snin. Irrimarka li din hija fażi storika għall-KNK, għax se tkun l-ewwel darba li jfassal streteġija biex tiggwidah.

L-istrateġija se tindirizza l-isfidi ewlenin li qed taffaċċja l-industrija tal-pubblikazzjoni, u dawn se joħorġu fil-beraħ fin-numru ta' laqgħat u sondaġġi li se jsiru mal-imsieħba matul din is-sena.

Temm jgħid li l-istrateġija titnieda fl-2025.

**MC** tkellem ukoll dwar is-sejħa li bħalissa l-KNK għandu miftuħa għal evalwaturi fid-diversi konkorsi u fondi tiegħu matul l-2024. Ħeġġeġ lill-awturi interessati japplikaw, u qalilhom li s-sejħa se tibqa' miftuħa.

2. **Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb – suġġerimenti u dati ġodda**

**MC** ħabbar li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fl-2024 se jsir bejn is-6 u l-10 ta' Novembru. Dwar il-post, qal li dan se jintgħażel b'tender u r-rebbieħ jitħabbar wara li l-proċess jintemm.

Irrefera għal bidla sinjifikanti li saret is-sena ta' qabel, jiġifieri dik fil-pjan tal-post fejn sar (l-MFCC). Semma l-kunċett tal-pjazza u l-ispazju miftuħ, u rrimarka li dwarha l-KNK irċieva numru ta' kummenti pożittivi.

**RA** ssuġġerixxa li jsir xi festival ieħor tal-ktieb matul is-sena, u qal li xi wieħed fis-sajf tkun idea tajba. Qal li f'Taormina jew Edinburgh isiru festivals simili li ma jkunux biss relatati mal-letteratura, iżda jinkorporaw affarijiet oħrajn li jiġbdu lil kulħadd. Semma wkoll kif il-festival tas-sajf f'Taormina ssirlu ħafna pompa.

**MC** semma l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus bħala eżempju, avolja dan isir fix-xitwa. Madankollu għalissa eskluda li jsir xi festival ieħor minħabba l-fondi, u anki għax b'tim ta' 8 min-nies diffiċli torganizza festival ieħor fis-sena.

**JB** qal li l-aċċessibbiltà tal-Festival kienet tajba ħafna, però rrimarka li ħassu mitluf għax l-ispazju kbir. Qal li l-Belt kien iħossu eqreb tal-kotba, u ssuġġerixxa li l-Festival jimxi xi mkien iżgħar, ngħidu aħna l-iskola ta' San Benedittu Ħal Kirkop fejn anki hemm parking.

**MC** qal li l-Festival kien diġà qabad jikber qabel ma daħal hu, anki għax l-MCC kien hemm fuq u isfel. Irrimarka li dik kienet ħolqot esebituri tal-ewwel u t-tieni klassi, u allura ma jridx jerġa' jsir xi mkien fejn tiġi lura dik id-distinzjoni.

**AM** qal li fil-Festival innota li n-nies tixtri kull tip ta' kotba, iżda l-ktieb Malti qed jinħonoq qalb dal-kotba kollha. Issuġġerixxa li jsir festival ieħor iżgħar li jkun jinkludi biss pubblikazzjonijiet lokali.

**RS** qalet lill-KNK biex jikkollabora mal-ħwienet tal-kotba sabiex ikun hemm promozzjoni tal-ktieb Malti fihom.

**MC** qal li fl-2023 il-KNKipprova jaħmel xi ħaġa simili għal fiera iżgħar b'pubblikazzjonijiet lokali, meta ppartecipa fil-fiera ta' Montekristo. Qal li filwaqt li n-nies waqgħet, il-bejgħ seta' kien aħjar.

Żied jgħid li l-bejgħ tal-kotba bil-Malti qed ikollu jaffaċċja wkoll il-kriżi tan-nuqqas ta' qari u l-fatt li t-tfal m'għadhomx jitkellmu bil-Malti.

Qal ukoll li s-sena l-oħra waqt il-Festival il-KNK ħa ħsieb li kif tidħol dak li jkun jiltaqa' mill-ewwel ma' pubblikaturi lokali. Irrimarka wkoll li waħda mir-raġunijiet għala l-Premju se jsir qabel il-Festival hi sabiex fil-Festival nuppromwovu l-kotba rebbieħa.

3. **Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb**

**MC** beda billi ħabbar li ċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb se tkun l-20 ta' Settembru. Qal li l-KNK se jibqa' jżomm ix-xahar ta' Settembru għaċ-ċerimonja sabiex in-nies tibda tassoċja dak ix-xahar mal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Id-data tagħmel sens ukoll għaliex il-kotba rebbieħa jkunu jistgħu jiġu promossi bħala tali waqt il-Festival f'Novembru. L-applikazzjonijiet miftuħa bejn it-13 u d-29 ta' Frar.

Dwar l-edizzjoni tal-2023, **MC** qal li kien hemm 199 sottomissjoni, kif ukoll semma min kienu l-aġġudikanti: Simone Spiteri, Omar Seguna, Robert Pisani, Rachel Baldacchino, Liam Gauci, Joseph Brincat, Sandra Hili Vassallo, Kristy Borg, u Charmaine Bonello.

Bidliet għall-2024: kull kategorija ta' finalisti se jkollha massimu ta' 5 kotba, għax il-KNK irid li dil-lista jkun fiha l-aqwa u l-aħjar kotba sottomessi. Il-prassi li finalist waħdu f'kategorija jaf ma jirbaħhiex se tinqata'. Il-premju ta' 1,000 Ewro lil kull pubblikatur li l-ktieb tiegħu jirbaħ se tibqa'.

Bidliet fil-kategoriji: il-letteratura mhux fittizja se tibda tilqa' l-bijografiji, imbagħad se jkun hem mir-riċerka ġenerali u r-riċerka storika.

**MC** sostna li r-regolamenti se jkollhom imniżżel b'mod iddettaljat x'tip ta' kotba jidħlu taħt kull kategorija.

Il-kategoriji tal-Premju Terramaxka se jkunu hekk: Kotba bl-istampi (0-7 snin), letteratura għat-tfal (8-12-il sena) u Letteratura għaż-Żgħażagħ. L-istess kategoriji għat-traduzzjonijiet.

Il-fażi tal-finalisti se titwal, sabiex l-aġġudikanti jkollhom aktar ċans jagħżlu l-aħjar ħamsa.

**MC** qal li l-applikazzjoni se tibqa' bħal tas-sena l-oħra. Hemm il-possibiltà li dak li jkun japplika bħala awtur online jew bil-posta.

**JB** qal li l-kummenti tal-kotba li ma jagħmluhiex mal-finalisti għanhom ikunu itwal sabiex jgħinu lill-awtur jifhem għaliex il-kotba tiegħu m'għaddewx. Qal ukoll li m'għandux ikun hemm ħabi meta awtur mhux finalist jitlob jara l-kummenti.

Issuġġerixxa li l-aġġudikanti jkun hemm varjetà fihom sabiex ikollhom firxa wiesgħa ta' għarfien ta' stili u kotba differenti.

Qal li ma jaqbilx li l-finalisti biss ikunu promossi mill-KNK, u ssuġġerixxa li jkun hemm premju monetarju anki għal dawk li jagħmluha mal-finalisti.

Issuġġerixxa li l-laqgħa mal-awturi tibda ssir is-Sibt għax fost il-ġimgħa n-nies tkun xogħol.

Rigward il-kummenti tal-aġġudikanti, **MC** qal li l-aġġudikanti maħtura jkunu jafu xogħolhom, u li l-KNK juża ħafna enerġija sabiex jara li l-grupp ikun wieħed tajjeb u professjonali.

Qal ukoll li m'hemmx ħabi fil-wiri tal-kummenti. Il-KNK jista' jagħtihom fuq it-telefown jew billi l-awtur jiġi l-uffiċċju u jarahom. Li ma jagħmilx huwa li jibgħathom, sabiex jiġi evitat li dak li jkun jaqsam il-kummenti fuq il-mezzi soċjali, li mbagħad jaf jippreġudikaw xogħol l-aġġudikant.

Rigward il-premju għall-kotba finalisti, **MC** qal li l-kotba finalisti jiġu promossi u l-flus fuqhom jintefqu fil-marketing. Irrimarka li jixtieq kieku hemm biżżejjed fondi sabiex jiġu ppremjati wkoll it-tieni u t-tilet post, iżda biex jagħmel hekk ikollu jnaqqas il-premju tal-ewwel post, u dan mhuwiex messaġġ tajjeb.

**RG** qal li darba meta staqsa għall-kumment flok baġġtuhulu qrawhulu.

**MC** irrepeta dak li qal lil **JB**. Qal ukoll li f'dik il-fażi l-aġġudikanti jkunu għadhom għaddejjin bix-xogħol biex jagħżlu r-rebbieħa, allura l0kummenti ta' dawk mhux finalisti jkunu aktar sensittivi.

**SHV** staqsiet jekk se jkunx hemm kategorija tal-poeżiji għat-tfal. Qablet ma' **JB** dwar il-kotba mhux finalisti. Staqsiet għala ġie deċiż li jkun hemm massimu ta' 5 kotba biss mal-finalisti.

4. **Il-Fond Malti tal-Ktieb**

**MC** qal lill-awturi sabiex jaqraw sewwa l-linji gwida tal-Fond Malti tal-Ktieb ħalli nevitaw li jkun hemm applikazzjonijiet li ma jiġux aċċettati. Qal li jifhem li r-regoli jitolbu skoss dokumenti, iżda dan isir sabiex jitħaffef il-proċess għal kulħadd.

Semma li se jkun hemm bidla żgħira fit-titlu tal-kategorija tat-traduzzjoni. Il-fergħa se jkun jisimha "Il-Fond għall-Esportazzjoni Letterarja".

**RS** qalet li hija diffiċli meta xi ħadd japplika għall-fond tat-traduzzjoni biex ikollu diġà maqbul il-pubblikatur barrani li se jippubblika x-xogħol tradott, peress li dan huwa rekwiżit fl-applikazzjoni.

**MB** wieġeb li qabel dir-regola ma kinitx fil-fond, iżda l-KNK daħħalha sabiex jiġi evitat li jsiru traduzzjonijiet li ma jkunu ppubblikati qatt.

**SC** weġbitha li jekk fil-fażi tal-applikazzjoni m'hemmx ittra mingħand pubblikatur, tista' tapplika għall-fond tat-traduzzjoni ta' silta bħala pitch.

5. **Il-London Book Fair**

**MC** beda billi qal li l-London Book Fair se ssir bejn it-12 u l-14 ta' Marzu. Għat-tieni sena konsekuttiva l-KNK qed ifassal inizjattiva għall-pubblikaturi u l-awturi fil-forma ta' katalgu pprintjat ta' drittijiet ta' barra. Il-katalgu se jkun distribwit f'Londra u fi mkejjen internazzjonali oħra li jżur il-KNK.

Il-katalgu se jservi sabiex ikabbar iċ-ċansijiet tal-kotba tal-awturi li jkunu esportati. Fil-fatt irrefera għall-kumment ta' **RS** u qal li l-katalgu jimmira li jimmitiga l-isfida li ssemmiet.

Qal li important li kull ktieb sottomess mill-pubblikaturi sabiex ikun inkluż fil-katalgu, ikun irregolat minn kuntratt li jiddelinea ċar li d-drittijiet tat-traduzzjoni qegħdin għand l-awtur.

Qal li mhux kull ktieb sottomess se jintgħażel, u se jkun hemm bord apposta għall-għażla.

Il-KNK se jkun qed iqassam b'xejn ukoll xi biljetti għal dħul fil-fiera. Talab lill-imsieħba sabiex javviċinawh jekk għandhom xi proposti jew ideat, u li l-KNK dejjem telefonata jew email bogħod.

Temm jgħid li l-KNK qiegħed hawn ukoll sabiex jekk l-awturi għandhom xi mistoqsijiet fuq kuntratti, drittijiet tal-awtur, u affarijiet oħra jiġi avviċinat.

6. **Il-Bord tal-KNK**

**MC** beda billi qal li attwalment il-bord tal-KNK mhuwiex jiffunzjona għax minn 7 membri rriżenjaw 5.

Iċċara li dawn ir-riżenji kienu hekk: 3 minħabba raġunijiet personali, riżenja għal raġuni ta' mard, u oħra bħala protesta kontra l-KNK.

Sostna li kull darba li rċieva riżenja, dejjem tkellem mill-ewwel sabiex jinstab xi ħadd ieħor, iżda ilu għaddej minn Awwissu tal-2023 jiġri wara l-Ministeru biex jappuntalu l-bord.In-nominazzjonijiet ilhom minn dakinhar, iżda wara ħafna skużi ddeċieda li jieħu passi oltre u fl-ewwel ġimgħa ta' Frar l-affarijiet għandhom jibdew mexjin.

Kompla jgħid li jaf kien hemm nuqqas min-naħa tal-KNK, li messu spjega aktar ċar ma' kulħadd x'ġara u ma ġarax.

Qal li f'bordijiet oħra ġara l-istess, avolja ammetta li din mhis skuża.

Wara din, **MC** semma li l-KNK għandu żewġ impjegati ġodda: Jasmine Bajada u Teodor Reljic.

7. **Is-sit tal-KNK u Affarijiet Oħra**

**MC** ħabbar li l-KNK qiegħed fil-proċess sabiex jaġġorna s-sit tiegħu. Staqsa lill-pubblikaturi x'jaħsbu dwar is-sit attwali u jekk jużawhx.Żied jgħid li l-KNK beda l-proċess ta' rebranding tas-sit.

**RA** qal li s-sit għandu jkun dejjem aġġornat, u semma kif sa dakinhar stess iċċekkja s-sit għall-aġenda u ma sab xejn.

**TS** tkellem dwar l-arkivjar tas-sit, ladarba jibda l-proċess sabiex jiġġedded dak attwali. Dan sabiex ma tintilef ebda dejta.

**RA** staqsa jekk hix etika l-fatt li meta jiġu ppubblikati d-drittijiet tas-self pubbliku jkun hemm jidher kemm l-awtur qed jieħu flus.

**MB** wieġbu li l-KNK jista' jikkunsidra li nneħħu l-ammonti mgħoddija, iżda xorta n-numru tas-self ikollu jidher minħabba trasparenza.

**CC** staqsa dwar il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ, u dwar l-età tal-applikant. **MB** wieġbu li l-applikant jista' jkollu kemm ikollu żmien, u fil-fatt l-aġġudikant lanqas ikun jaf min hu l-applikant, għax is-sottomissjoni ssir taħt psewdonimu.

**RA** semma t-tnaqqis fit-taxxa mid-dħul tad-drittijiet tal-awtur, u rrimarka li hija xi ħaġa tajba.

Issuġġerixxa li jkun hemm fondi għall-qari tal-provi, inkella l-Gvern joffri li jħallas qarrej tal-provi għall-kotba li jiġu ppubblikati. Semma wkoll li l-Gvern jista' jissussidja r-reklami fuq il-kotba.

Qal ukoll li l-vat għandu jkun eżantat għall-kotba, u mhux imnaqqas kif inhu bħalissa. Qal ukoll li għandha tinħoloq unjin tal-kittieba, writers' guild, jew koperattiva tal-kittieba b'ħanut u distributur tagħha.

**MC** qal li l-katalgu tad-drittijiet u l-enfasi tal-KNK fuq il-kuntrattwalizzazzjoni għandhom ikunu passi fid-direzzjoni t-tajba għal dak li qed isemmi **RA**.

**RG** semma l-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef. Qal li l-parteċipanti jkunu mirluba jibagħtu l-applikazzjoni bi psewdonimu bil-posta, imbagħad anki online. Qal li jidhirlu li b'hekk is-segretezza tal-awtur mhix protetta għalkollox, għax jistgħu jaraw l-isem tal-applikant l-impjegati tal-KNK.

**AR** wieġbu li kollox miexi lejn sottomissjoni elettronika, u li hu biss ikun jaf min huma l-parteċipanti. L-aġġudikanti jintbagħtilhom biss il-poeżija u l-psewdonimu.

**FG** semma l-idea li jiġi diskuss fl-istrateġija l-kunċett ta' Universal Basic Income għall-artisti, inkluż il-kittieba. Qal li l-kunċett diġà seħħ fl-Irlanda. Issuġerixxa wkoll li l-KNK jissieħeb ma' entitajiet privati biex jintlaħaq dan l-għan.

**MC** staqsa jekk hemm aktar mistoqsijiet. Il-laqgħa ntemmet hawnhekk.